**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Christopher Mamo**

Illum 16 ta' Settembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Mamo, iben Alfred u Laura nee. Gusman, imwieled Pieta' fit-13 ta' Mejju, 1985 u residenti 65, Flat 2, Triq id-Duluri, l-Isla, detentur ta' karta tal-identita' 263385(M).

Talli fit-28 ta' Mejju 2014, gewwa l-Ghassa tar-Rahal Gdid, Paola ghal habta tat-13:30 hrs, bil-hsieb li jaghmel hsara lil Alfred Bonnici, akkuza lil dak il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li

dik il-persuna hija innocenti ghall-fatt biss li kien akkuzaha, u dan bi ksru tal-artikolu 101 (1) (a), (2), (109) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bil-qerq holoq jew igieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostaza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, jehel, meta jinsab hati, bhala xhud falz, bil-mod kif jinghad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub titolu u dan bi ksur tal-aritklu 110 (1) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, iddenunzja lil-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur tal-artiklu 110 (2) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-aritkli 49, 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligjuiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Christopher Mamo u li sar definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda tal-Psikjatara Ethel Felice.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tielet imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u li inoltre' f'dan il-kaz l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ma japplikax.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tieghu. L-imputat hekk kif semghet tixhed lill-Psikjatra Felice ghandi bzonn l-ghajnuna u ghalhekk huwa aktar opportun li din il-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation u tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 101(1)(a)(2) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien sena millum.

Inoltre' tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trattament ai termini tal-aritkolu 412D tal-Kodici Kriminali ghal zmien sena sabiex jigi segwit mill-Psikjatra tieghu.

Inoltre' bl-applikazzjoni 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-interdizzjoni generali tal-Hati, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun ghal zmien 10 snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkometti reat iehor fil-perjodu operattiv.

Tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat